MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2012

Numru. 730/2012

**Pulizija**
**Spettur Rennie Stivala**

**Vs**

**John Dean Sultana**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat John Dean Sultana, ta’ 31 sena, bin John u Linda nee’ Crawford, imwieled Londra, fid-19 ta’ Jannar 1980 u joqghod Etienne Flats, Flat 1, Triq San Tumas, Fgura, detentur tal-karta ta’ l-Identita’ numru 125590 M;

Talli:

Bejn April 1999 u Lulju 2010, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, fil-kapacita' tieghu personali, approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe' ma hallasx lid-Dipartiment tal-VAT, is-somma totali ta' €21, 312.90;

Kif ukoll, talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, sar recediv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Doreen Clarke LL.D., fit-3 ta' Gunju, 2010, liema sentenza giet definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat id-dokumenti ezebiti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni tieghu;

Rat illi, ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, bl-ammissjoni bikrija tal-imputat, din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Struttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali, u l-Qorti setghet ghalhekk tghaddi minnufih ghas-sentenza fil-konfront tal-imputat;

Rat l-Artikoli 18, 49, 50, 293, 294, 310(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

Illi l-Qorti giet infurmata li l-imputat kien hallas kollox lid-Dipartiment tal-VAT, u ma kien fadal l-ebda bilanc dovut minnu. Il-Qorti tara li l-iskop ewlieni tal-Ligi hu li kulhadd jikkonforma ruhu mal-obbligi risultanti mill-istess ligi u regolamenti. Fil-kaz in esami, l-imputat ma kienx hallas

dak kollu dovut minnu bhala taxxa tal-VAT, u ghalhekk kienu ttiehdu dawn il-proceduri. Madankollu, illum dan l-ammont dovut minnu jinsab imhallas ghas-saldu, u ghalkemm ir-reat ghadu jissussisti, il-Qorti hi tal-fehma li ghandu jkun hemm temperament fil-piena fil-konfront tieghu.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Illi l-ammissjoni bikrija u volontarja tal-imputat, ma thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti, hlief li ssib lill-imsemmi John Dean Sultana, hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu, izda minnflok piena tilliberah bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena mil-lum, ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------